MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 380/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Jesmond Borg**

**VS**

**Emanuel Bezzina, iben il-mejjet Joseph u Mary nee' Caruana, imwieled Bormla nhar l-20 ta' Dicembru, 1957, residenti fil-fond The Cottage, Triq ix-Xatt, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 835957M;**

**U Emanuel Bezzina (Jnr), iben Emanuel u Maria Theresa nee' Rizzo, imwieled Haz Zabbar nhar is-27 ta' Jannar, 1993, residenti fil-fond The Cottage, Triq ix-Xatt, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 62193M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Emanuel Bezzina Snr** u **Emanuel Bezzina Jnr**, li gew akkuzati talli:

A. Nhar it-18 ta’ April, 2010, ghall-habta tas-7.00 ta’ filghaxija, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u aktar tard, hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, bi vjolenza u b’theddid gieghlu lis-Surgent tal-Pulizija 1177 Carmel Bonello, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D’Amato, u ufficjali ohra tal-pulizija, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom;

B. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u aktar tard, hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, il-Kalkara, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 1177 Carmel Bonello; il-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D’Amato, u ufficjali ohra tal-pulizija, bhala persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt illi kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skont il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti;

C. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u aktar tard, hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, ingurjaw, jew heddu bil-mewt, jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal-istess Surgent tal-Pulizija 1177 Carmelo Bonello, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D’Amato, u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta’ wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

D. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom, u aktar tard hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, ikkawzaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 1177 Carmelo Bonello, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D’Amato, bhala persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt illi kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skont il-Ligi minn awtorita’ kompetenti, skont kif iccertifikat minn Dr G Micallef MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

E. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’

wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

F. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, volontarjament, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

G. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, qalu kliem oxxen, indecenti, u dagha;

H. U aktar talli, filwaqt illi kienu gewwa r-residenza taghhom u hdejn ir-residenza taghhom, liema residenza tinsab fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, stiednu ghall-glied lis-Surgent tal-Pulizija 1177 Carmel Bonello, u ufficjali ohra tal-Pulizija;

I. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod illi kkagunaw lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom meta kienu jafu jew misshom kienu jafu, illi bl-imgieba taghhom ser jikkagunaw lil haddiehor biza'.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, huma t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja tal-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ezebit a folio 45; kif ukoll illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Bdiet il-Qorti biex tisma' x-xhieda tal-**Ispettur Jesmond Borg**.

Qal dan illi hu flimkien ma' PS 1177 Carmel Bonello, PC 229 Kenneth Camilleri, u PC 515 Andrea D'Amato, waqt illi kienu qeghdin jigbru xi tabelli in konnessjoni mal-vista tal-Papa f'Malta, ircevew komunikat biex jaghtu assistenza f'dar gol-Kalkara. Xehed illi meta nizlu fil-fond The Cottage, Triq ix-Xatt, Kalkara, setghu jinnutaw li kien hemm xi glied barra din ir-residenza, bejn Emanuel Bezzina Jnr u l-gharus ta' ohtu. Zied illi huma kienu msejha biex jassistu lil team paramediku li kien qieghed jaghti assistenza peress illi kien hemm tfajla isterika. Qal illi din it-tfajla kienet certu Claudienne Fava li kellha anke bzonn, minhabba l-kundizzjoni taghha, li tinhareg fuq stretcher. Qal illi meta din Fava ttiehdet bl-ambulanza, huma marru jaraw x'kien gara u kien hawn li Emanuel Bezzina Snr beda jilmenta u jghid kliem bhal li l-pulizija kienu kissrulu l-familja, attribwixxa dan lill-pulizija ta' Bormla. Qal illi dan Bezzina beda jsir aggressiv. Qal illi qamet kwistjoni bejn dan Bezzina u s-Surgent, ghax Bezzina beda jakkuzah illi kissirlu l-familja.

Qal illi bdew jaghtuh struzzjonijiet biex jikkalma, pero skont is-Surgent dan baqa' aggressiv. Qal illi anke avzah illi jekk kien ser ikompli kien ser jghaddi ghall-arrest

tieghu. Nonostante cio', Bezzina Senior anke iccelingja lis-Surgent ghall-glied. Qal dan l-Ispettur illi huma ppruvaw anke juzaw forza proporzjonata biex jikkontrollawh. Qal illi dan Bezzina Senior spicca jaghtihom bis-sieq u bil-ponn. Zied illi hawn intervjena PC 229 u gibdu lil Bezzina 'l barra mid-dar. Qal waqt illi kienu qed jippruvaw ikaxkruh 'il barra mill-bieb ta' barra, filwaqt illi dan beda jaghti bis-sieq u bil-ponn u joffendiehom u jheddidhom. Xehed illi hawn dahal it-tifel, cioe' Emanuel Bezzina Jnr, ra lil dan jagredixxi lil PC299 u lil PC515. Rah anke jaghti bil-ponn lil PC 515. Zied illi s-sitwazzjoni ma setghetx tigi kkontrollata, anke ghax kienu mdawrin b'ruxxmata nies, familjari tal-imputati. Qal illi minhabba din il-gegwigija, l-imputati sgiccaw lill-pulizija. Sema' lil Bezzina Snr ikompli joffendiehom, jidghi, u jheddidhom bil-mewt. Tela' anke fuq il-bejt tad-dar tieghu (li fiha biss sular), u minn hemm beda jindirizza lilhom u specifikatament lil PS 1177 biex jinza' l-uniformi. Sfidah ghall-glied. Xehed l-Ispettur illi hawn talbu ghall-assistenza. Qal ukoll illi fost it-theddid, dan Bezzina Senior beda jghidilhom illi kien ser jirrapportahom lill-Kummissarju u li kien ser igib din l-istorja fuq it-television.

Xehed illi hu pprova jikkonvinci lil Bezzina Senior biex jinzel maghhom bla paroli l-ghassa ta' Bormla. Qal illi Bezzina Junior ikkonsenja ruhu lill-pulizija bla nkwiet, mentri ma' Senior kellha tintuza forza biex jitrazzan. Baqa' sejjer dan bit-theddid. Darba li haduhom l-ghassa. L-imputati t-tnejn inghataw il-fakulta' illi jikkonsultaw Avukat Difensur. Gew ezebiti wkoll mill-Ispettur Dok CB certifikat ta' griehi hfief sofferti minn PS 1177 Carmel Bartolo; certifikat iehor Dok KC mahrug fil-konfront ta' PC 229 Kenneth Camilleri, ukoll ta' griehi ta' natura hafifa; certifikat mediku iehor fil-konfornt ta' Andrea D'Amato Dok AD – ukoll juri griehi ta' natura hafifa. Ezebixxa wkoll rifjut ta' Bezzina Senior illi rrifjuta li jmur l-Isptar assistit mill-pulizija, Dok JB. Ezebixxa l-istqarrijiet tal-imputat – dik ta' Bezzina Senior bhala Dok JB1 , u dik ta' Bezzina Junior bhala Dok JB2.

**PS 1177 Carmel Bartolo** minn naha tieghu, xehed illi gew imsejhin biex imorru fl-indirizz gia' msemmi dwar argument bejn xi zghazagh, anke ghax tal-ambulanza riedu l-assistenza. Xehed illi meta waslu fuq il-post, tal-ambulanza talbuhom l-assistenza minhabba li kien hemm tfajla isterika u bdew isibu diffikultajiet biex johduha l-Isptar. Qal illi hu qaghad pass lura ghax qalbu hebbritu li kien ser jinqala' l-inkwiet minhabba li kienu fir-residenza tas-Sur Bezzina. Qal illi hu kien jaf lil Bezzina ghax huwa minn Bormla bhalu, u li kellu problemi ma' Surgent iehor, u li qabel kellu xi xoghol iehor mieghu li anke hu kien inovlut fih. Qal illi dan ix-xoghol kien fuq xoghol ta' argument ma' pulizija iehor. Qal illi kif hargu lit-tfajla mir-residenza, kien ghadu ghaddej argument gewwa. Spjega li god-dar kien hemm hafna nies u kien hemm kommozzjoni. Xehed illi ntqal diskors bhal min gab il-pulizija – dan skondtu ntqal minn Bezzina l-missier. Qal illi dan anke beda jghid, jindirizza lilu, illi s-Surgent kissirlu l-familja. Qal illi hu ma tkellem xejn pero bdew jiskalaw l-affarijiet. Spjega li dan beda jitkellem hazin, illi kien konkoffa mas-Surgent l-iehor, illi kienu korrotti, komplici u diskors iehor baxx illi l-Qorti ma thossx illi ghandu ghalfejn jigi hawn riprodott. Xehed illi hu beda jikkalma lil dan b'diskors illi hu ma kellux x'jaqsam.

Widdbu wkoll biex jikkalma ghax inkella kien ser ikollu jarrestah. Iddeskriva l-agir tieghu bhala wiehed ecitat hafna u vjolenti fil-konfront tal-pulizija. Qal illi hu ma kellux triq ohra hlief illi johorgu barra u jnizzlu l-ghassa.

Iddeskriva li hu rrezista l-arrest u kien hawn illi Bezzina Junior mar jahbat ghalih biex ma jmissux lil missieru. Qal illi hu ddefenda ruhu, pero dan qabad jaghti bil-ponn. Qal ukoll illi laqghat anke lil wiehed minnhom go wiccu. Qal illi dak il-hin dahlu l-familjari biex jifirduhom. Spjega li dawn, cioe' l-imputati, regghu dahlu d-dar. Kien hawn illi skondtu cemplu ghall-assistenza tal-Mobile Squad u pulizija ta' Haz Zabbar. Qal illi sakemm gew dawn, l-imputati Bezzina telghu fuq il-bejt. Minn hawn bdew jghidu lix-xhud illi lilu kienu ser joqtluh, iz-zghir beda jghidlu li mhux imbilli kellu sbatax(17)-il sena, xorta kien tahielu. Beda jsir diskors biex jinza' l-uniformi, illi kien ser imur fuq is-Super One, illi kien ser imur ghand il-Kummissarju. Qal illi hu ma ntervjenix aktar anke meta waslu tal-Mobile Squad u l-pulizija ta' Haz Zabbar. Imbaghad telghu ghalihom, pero hu baqa' barra.

Qal illi s-Surgent PS 76 Carmelo Cassar, kien apparentament il-partner tal-mara ta' Bezzina Senior. Zied pero li hu ma kellu ebda konnessjoni ma' dan.

Ikkonferma li hu kien qala' daqqa go rasu, ghalhekk ikkonferma wkoll ic-ceritifikat Dok CB.

Ezebixxa l-okkorrenza bhala Dok CB2.

**PC 229 Kenneth Camlleri**, qal ukoll illi kienu msejhin flimkien ma' shabhom fil-fond gia' msemmi. Meta waslu hawn sabu argument familjari waqt illi kien hemm ambulanza fuq il-post tassisti lil certu Claudine Fava. Hemm jghid illi sabu argument bejn l-imputat Bezzina Junior u ma' xi familjari ohra. Qal illi kienu tal-ambulanza li talbuhom l-ghajnuna. Qal illi mill-ftit diskors illi sema', Bezzina l-kbir beda jghid illi huma fottewlu l-familja, beda jkecciehom 'il barra u diskors iehor ta' theddid. Qal illi kif telqet l-ambulanza ra lill-Ispettur u s-Surgent jippruvaw irazznu lil Bezzina l-kbir, u dahal jghinhom flimkien ma' PC 515. Qal illi minn wara ra lil Bezzina z-zghir imur ghal fuqhom u jfajrilhom kemm jiflah bil-ponn. Qal illi b'hekk, kemm hu kif ukoll PC 515 intlaqtu f'wicchom. Qal illi ndahlu tal-familja u dahhluhom 'il gewwa. Kien hu li ghajjat l-assistenza tal-Mobile Squad. Zied illi hawn l-imputati telghu fuq il-bejt, bdew jhedduhom bil-mewt, illi joqtluhom - specjalment lis-Surgent, u nsulti ohra, specjalment Bezzina l-kbir. Dan beda jghajjarhom korrotti, u li fottewlu l-familja.

Qal illi z-zghir nizel mieghu bil-kwiet.

Ikkonferma Dok AC, certifikat tal-griehi minnu sofferti.

Dwar l-imgieba ta' Bezzina l-kbir, qal hekk:

"*L-imgieba tieghu kienet vjolenti ghal fuqna. Beda jirrezistiehom. Beda jxejjer idejh u joffendiehom…..*" (folio 69)

Irrepeta anke dan ix-xhud it-theddid ta' Rizzo u l-gazzetti.

**PS 1576 Simon Grech** qal minn naha tieghu li meta wasal fuq il-post il-Kalkara ra fuq il-bejt lil Emanuel Bezzina Senior jghajjat u jaghmel mossi b'idejh, jindirizza lill-pulizija li jrid ipattihielhom u jnezzaghlhom l-uniformi. Semghu jghid illi kien ser igibhom fuq in-NET u Super One. Qal illi kien infetah il-bieb, li hu kien tela' fuq u li kien informa lil Bezzina li kien qieghed jigi arrestat. Qal illi dak il-hin dan kien qieghed ikellem lill-Ispettur bi kliem baxx.

Qal illi meta qallu li kienu ser johduh maghhom, dan qallu li ma ridx imur, pero zied illi meta qabdu minn idejh ma offrix rezistenza, qabad u mar. Zied illi baqa' jghid l-istess diskors, anke jirreferi ghall-Kummissarju tal-Pulizija.

Iddeskriva l-agir tieghu gewwa l-ghassa bhala "*…….vjolenti u beda jaghti b'idejh.*" (folio 94)

**PS 515 Andrea D'Amato** xehed ukoll dwar li marru biex jassistu xi staff tal-ambulanza. Qal ukoll illi barra r-residenza, Bezzina z-zghir kellu xi argument. Iddeskriva li fir-residenza kien hemm hafna ghajjat u kommozzjoni. Qal illi l-kbir beda jindirizza lill-pulizija bi kliem hazin, b'diskors "*Kissirtuli familja! Ma tiqafx hawn.*" Gie mwissi biex jieqaf minn dan l-atteggjament, pero skondtu ppersevera fl-insulti lejn il-pulizija. Qal illi meta qalulu li gie arrestat, ma ridx imur maghhom, ghalhekk kellhom juzaw il-forza biex harguh mill-fond. Qal illi hawn gie Bezzina Junior u beda jxejjer bil-ponn lejh u lejn il-kollegi tieghu. Jghid ix-xhud illi lilu laqtu f'ghajnejh bi zbrixx.

Zied illi Bezzina Senior beda jindirizza lis-Surgent u jkellmu hazin, jistiednu ghall-glied.

Zied illi Bezzina Senior anke fil-vettura tal-pulizija kompla jinsulentahom.

Spjega li hu rrezista l-arrest u ma ridx johrog.

**PC 229 Kenneth Camilleri** in kontro ezami kkonferma li Bezzina Senior beda jghid diskors, l-aktar lejn is-Surgent, li kien ha jmur fuq il-gazzetti, ikellem lill-Kummissarju u kliem vulgari.

**PC 515** in kontro ezami kkonferma li huma fuq il-post marru biex jassistu lil tal-ambulanza. Ikkonferma li Bezzina l-kbir beda jghid li l-pulizija kissrulu l-familja, jghajjar u jinsulta lill-pulizija, specjalment lis-Surgent Bonello.

Kif gia' riprodott, l-Isptetur kien ezebixxa l-istqarrijiet tal-imputati li ttiehdu bl-assistenza ta' parir legali. L-imputati ghazlu anke li jixhdu viva voce.

Hawn il-Qorti ser taghmel is-segwenti riflessjoni:

Huwa vera li l-istqarrija tal-iben ittiehdet wara li dan gie moghti l-fakulta' tal-parir legali.

Daqstant veru li missieru kien ukoll arrestat mieghu, u ommu ma tinkwadra mkien!

Pero, ghalkemm il-Qorti mhix qed tghid illi l-istqarrija hija inammissibbli – punt dan qatt *del resto* sollevat, thoss illi kien ikun aktar ghaqli li kieku l-iben, stante' l-eta' tieghu, kien akkumpanjat minn '*next of kin*' adult!

Fl-istqarrija tieghu **Emanuel Bezzina Senior** qal illi hu waqt ir-riceviment li kien qieghed isir fid-dar tieghu, fl-okkazjoni taz-zjara tal-Papa, hu ma kien cempel ghal ebda ambulanza, ghalkemm in-neputija tieghu kienet xorbot izzejjed u hassha hazin. Innega li hu qatt talab l-assistenza tal-pulizija. Innega li hu nsulta lill-pulizija. Innega li beda jallega li qal li s-Surgent kien korrott u li siehbu kien kissirlu l-familja, u li kien aggressiv fil-konfront tal-pulizija.

Qal illi l-pulizija dahlu ghalih biex johduh l-ghassa u haduh bil-forza, tant illi anke sofra grif f'idu. Innega li hu ta bis-sieq lis-Surgent 1177 u lill-pulizija prezenti. Innega li hu tela' fuq il-bejt jinsulta lill-pulizija. Ikkonferma li hu kien qal lil PS 1177 li "ried ipattieha lili ghax kien liebes l-uniformi u li kien qed jabbuza minn xogholu, u li ried issawwatni." (folio 52).

Innega li hu hedded lill-pulizija bil-Ministru u bil-Kummissarju tal-Pulizija, u li kien ser igib kollox fuq One TV.

Qal illi kien sorpriz illi l-pulizija kienet dahlet fi hwejgu u arrestatu ghalxejn b'xejn.

Viva voce xehed li kien qieghed jezebixxi ritratti tal-festin li kellu fuq il-bejt u l-griehi li sofra fl-incident.

Zied issa li meta n-neputija tieghu kien taha hass hazin, kienu dahhluha fix-shower biex tistejqer u f'daqqa wahda ra hames (5) pulizija gewwa gox-shower li kienet isfel ta' daru. Qal illi dawn qabdu u dahlu ghax sabu l-bieb miftuh u sabuhom ma' wicchom.

Qal illi meta raw lill-pulizija, kulhadd beda jippanikja x'hin rawhom u li hu talabhom bil-kwiet johorgu minn daru, anke ghax kellu nies avvanzati fl-eta' fid-dar, anzi qal illi hadd ma wiegbu, u wiehed minnhom dar ghalih, lewielu jdejh u tefghu mal-bieb, tant illi hu beda jghajjat "Ajma! Ajma!". Qal illi ibnu ta' sbatax(17)-il sena, prova jaqlaghhom minn mieghu, u li zitu Lizzy anke bdiet taghtiehom bil-basket.

Qal illi mbaghad darba li l-pulizija hargu, hu tela' fuq il-bejt u ra li baqghu hemm. Qal illi hu minn naha tieghu kompla jzarma. Qal illi t-tieni darba lill-pulizija fethitilhom il-

partner tieghu. Zied illi waslu zewg karozzi ohra tal-pulizija, tant allura kien hemm pulizija.

Qal illi meta telghu ghalih, qallhom illi kien ser icempel u jirrapporta lil tat-television. Ikkoferma li kien sofra griehi ta’ natura hafifa – brix. Innega li waqt il-festin inqala’ xi disgwid. Mistoqsi jekk uzax vuci aggressiva, wiegeb illi ma kinx jaf, qal biss illi hu ried li l-pulizija jitilqu ‘l barra, ghax kellu ommu isterika u kulhadd kien inkwetat.

Minn naha tieghu **Emanuel Bezzina Junior**, fl-statement ikkonferma li minhabba kugintu Claudine Fava xi hadd li kien il-festin ghandhom cempel lill-ambulanza. Qal illi anke kellu xi jghid mal-gharus ta’ ohtu ghax beda jtaptilha fuq wiccha u l-gharus taghha Jonathan Meilaq, beda jwissieh biex ma jerfax idejh fuqha. Inqala’ argument bejniethom. Qal li dan beda jghajjat mieghu. Ikkonferma li meta waslu l-pulizija kienu qed jargumentaw.

Qal dwar il-presenza tal-pulizija li ma kinx jaf min cemplilhom. Ikkonferma illi x’hin waslu l-pulizija, tal-ambulanza kienu qed jippruvaw jassistu lil kugintu u din bdiet tghajjat lil ommha u tippanikkja. Qal li l-pulizija baqghu fuq il-post. Qal illi kien jiftakar illi kien barra u rega’ qam argument god-dar, pero ma kinx jaf bejn min. Jghid illi ra lill-pulizija jigbdu lil missieru. Qal illi hu ndahal meta l-pulizija refghu jdejhom fuq missieru, beda jzommhom lura. Qal illi l-istess pulizija mbuttawh u mbaghad arrestawh. Ma ftakarx li missieru beda jinsulta lill-pulizija. Ma ftakarx illi missieru beda jallega li l-pulizija kienu korrotti u li siehbu s-Surgent kissirlu l-familja. Ma ftakarx illi missieru kompla jinsulenta lill-pulizija nonostante li gie mwiddeb biex jieqaf. Lanqas ftakar illi hu u missieru rrezistew lill-pulizija, anke li taw bil-ponn u bis-sieq. Ma semax lil missieru jghid kliem baxx. Ma ftakarx id-diskors ta’ missieru li jnezza’ l-uniformi lil PS 1177. Ikkonferma d-diskors tal-Kummissarju uzat fil-konfront tal-pulizija.

Viva voce kkonferma dak li gara lil kugintu u kkonferma li kien hu li cempel lill-ambulanza. Qal illi kif kien qieghed jispjegalhom x’gara, mentri l-familja jew parti kienet fit-toilet ma’ kugintu, ra lill-pulizija dehlin, jghid illi qabdu u dahlu god-dar. Qal illi fid-dar kien hemm octogenarians illi qalghu kommozzjoni meta raw lil dawn (cioe’ lill-pulizija). Xehed illi sema’ lil missieru jghid “*Ajma! Ajma! Qed tweggughni!*” (folio 202). Meta hares, sema’ d-daqqa mal-bieb, u mar iferraq lill-pulizija minn ma’ missieru. Jghid illi hawn il-pulizija daru fuqu. Qal illi hemm il-pulizija telquhom u ghalhekk telghu fuq il-bejt ikomplu jzarmaw. Qal illi hawn il-pulizija regghu dahlu d-dar ghalihom, tant illi telghu fuq il-bejt. Qal illi l-pulizija qalulhom biex jinzlu maghhom l-ghassa u anke hadulhom il-mobiles. Xehed illi meta telqu l-pulizija, nizlu maghhom.

In kontro ezami qal illi l-argument bejnu u bejn Jonathan kien biss “misunderstanding”.

In difesa xehdet **Yvette Vassallo**. Qalet ukoll dwar il-*family gathering* u l-hass hazin tan-neputija. Rat l-ambulanza u f'daqqa wahda anke rat il-pulizija isfel, minn fejn semghet hafna ghajjat. X'hin nizlet tghid illi rat lil Manuel il-kbir mal-art, mentri li semghet liz-zghir, ghalihom Noel, jghid id-diskors "*Twegghuhx!*" (folio 208)

Iddeskriviet illi gewwa kien hemm hafna pulizija. Qalet in kontro ezami li hi ma ratx lill-pulizija dehlin, rathom biss meta kienu gia' gewwa.

Qalet illi x'hin Emanuel kien mal-art u Noel kien qieghed jghid id-diskors "*Halluh!*", b'referenza ghal missieru, hi ma rat ebda forma ta' rezistenza.

**Angele Vassallo**, dejjem in difesa, il-partner ta' Emanuel Bezzina l-missier, xehdet li meta giet l-ambulanza, fid-dar rat ukoll lill-pulizija dehlin. Ziedet illi semghet lil Emanuel Bezzina jghidilhom illi huma ma kinux sejhu lill-pulizija. Qalet illi l-panic inqala' ghaliex il-pulizija qabdu lil Manuel, u Noel minn naha tieghu mar jiddefendieh. Qalet illi l-pulizija telghu anke fuq il-bejt wara Manuel u talbuh imur maghhom l-ghassa.

Ikkonfermat illi Manuel staqsiehom lill-pulizija x'kienu qed jaghmlu f'daru.

**Joseph Scerri** minn naha tieghu, ukoll in difesa, ikkonferma li ntalbet l-ambulanza u li f'daqqa wahda dahlu god-dar anke grupp ta' pulizija. Qal illi Manuel qallhom diversi drabi biex jitilqu 'l barra, u anke li ommu intefghet fuq is-sufan. Zied illi s-sitwazzjoni bdiet tiskala u ra lill-pulizija jmiddu lil Manuel mal-art, u lil ibnu jghidilhom biex ihalluh. Qal illi l-kommozzjoni nqalghet  ghax dahlu l-pulizija.

Xhud iehor, **Janice Vassallo**, xehdet ukoll li f'daqqa wahda ghand Manuel dahlu l-pulizija, illi Manuel talabhom biex johorgu ghal darba darbtejn, u nqala' panic. Huma qabduh minn idejh u sammruh mal-art. Anke din ikkonfermat illi ibnu beda jghajjat biex jitilquh. Qalet illi kienet tiftakar illi Manuel lill-pulizija qallhom id-diskors "*Itilquli 'l barra!*" (folio 220). Qalet illi mbaghad il-pulizija qabduh minn idejh.

Ikkonsidrat:

In succinct ghalhekk, jirrizulta minn dak li xehed **l-Ispettur** illi Bezzina l-missier beda jinsulentahom, u li huma ppruvw juzaw forza proporzjonata biex jikkontrollawh, li harguh 'il barra meta dan beda jaghti bis-sieq u bl-idejn. Qal illi hawn iz-zghir mar jagredixxi lil PC 299 u PC 515. Ra liz-zghir jaghti lil PC 515.

Xehed illi Bezzina l-kbir heddidhom u beda jidghi u jisfidahom ghall-glied.

**PC 1177** jixhed illi l-kbir tkellem hazin, iddeskriva l-agir tal-missier bhala ecitat u vjolenti. Qal illi dan irrezista l-arrest, u hawn intervjena t-tifel.

Irrakkonta wkoll l-insulti minn fuq il-bejt. Ikkonferma li hu ntlaqat mill-iben bil-ponn.

**PC 229** ikkonferma wkoll id-diskors li ntqal mill-missier dwar it-tkissir tal-familja. Ikkonferma li t-tifel Bezzina z-zghir, ta bil-ponn lill-pulizija waqt illi kienu qed irazznu lil missieru, ra li ntlaqat PC 515.

Sema’ lill-kbir jghajjar lill-pulizija korrotti.

**PC 1576** jikkonferma li l-missier minn fuq il-bejt beda jinsulta lill-pulizija, it-theddid tal-media, id-diskors baxxa tal-missier, ir-rezistenza ghall-arrest tal-missier.

**PC 575** ukoll jikkonferma l-kliem hazin tal-missier u t-theddid indirdizzat lejn il-pulizija u l-uzu tal-forza biex inhareg il-missier, ukoll it-tixjir bil-ponn tal-iben.

Minn naha tieghu **l-missier** ta biss l-impressjoni li kien sorpriz bil-presenza tal-pulizija, u donnu talabhom bhan-nies biex johorgu ghax ma kinx hemm bzonnhom. Innega fit-total dak allegat fix-xhieda kif hawn riprodotta. Qal illi tant inqalghet taqtiegha bejniethom li jammetti li hu gie migruf (vide ritratti minnu ezebiti).

**L-iben**, ghalkemm jikkonferma l-litigju mal-gharus ta’ ohtu, qal illi hu ndahal biss meta ra lill-pulizija jerfghu idejhom fuq missieru. Fil-kumplament tista’ tghid illi ma ftakar xejn minn dak illi allegatament gara, u lanqas ma sema’ ebda diskors illi missieru allegatament indirizza lejn il-pulizija.

Ovvjament, dwar ix-xhieda tal-imputati, qatt ma jista’ jigi kkonsidrat dak illi kull ko-imputat qal fuq l-iehor – dan b’referenza ghall-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-istess tista’ tghid il-Qorti dwar ix-xhieda migjuba mid-Difiza. L-aktar haga li spiccat fix-xhieda ta’ dawn hija l-fatt illi l-pulizija marret f’din ir-residenza meta mhux mitluba, u oltre hekk illi raw lill-pulizija trazzan bil-forza, tant illi anke sabbtuh u ghawgulu jdejh lil Bezzina l-kbir. Jaqblu li hawn intervjena z-zghir.

Issa sar diskors ukoll mill-pulizija, anzi ntqal fix-xhieda taghhom illi s-Surgent stazzjonat l-ghassa ta’ Bormla kellu relazzjoni ma’ mart l-imputat (il-missier). Dan jispjega r-rabja li kellu l-imputat lejn il-pulizija u ghala beda jindirizzahom bil-ksur tal-familja. Bniedem imwegga’ li wehlet mieghu l-uniformi fil-verita’. Nonostante l-eta’ tieghu, ma kinx kapaci jiddistingwi l-uniformi tas-Surgent mill-hajja personali u amoruza tieghu, donnu t-tort tal-Korp kollu jekk dan is-Surgent kellu relazzjoni ma’ martu!

Qishom l-imputati jinsew illi l-pulizija gew imsejha biex jassistu lill-paramedici! Donnhom jinsew, konvenjentement, illi barra kien hemm anke argumenet bejn il-ko-imputat l-iben u l-gharus ta’ ohtu li kien qieghed allura jikkrea disturb pubbliku!

Daqstant hija perplessa l-Qorti b’dak illi xehdu x-xhieda in difesa - illi l-imputat il-missier qisu gie aggredit ghalxejn b’xejn mill-pulizija u l-iben irreagixxa biex jiddefendi lil missieru!

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-akkuzi in ezami, dan fid-decizjonijiet fis-sentenzi fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Josianne Bonello” datata 16 ta’ Jannar, 2003, u “Il-Pulizija vs Ivan (John Felice) datata 4 ta’ Gunju, 2002. Ghalkemm hawn il-Qorti kienet qed taghmel referenza ghall-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta biss:

“

*Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan ,kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom .*”

“

*Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – <u>ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi</u>……”*

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spt Pierre Grech) vs Roderick Farrugia”, deciza nhar il-26 ta’ April, 2007 (Imhallef Dr Joseph Galea Debono), din il-Qorti qalet hekk:

"

*Illi kif jghid Il-Prof. Sir A. Mamo "Notes on Criminal Law" (Vol.II- 1955 edit. p. 55 et seq.) biex jissusisti dan ir-reat kontemplat fl-art.96 tal-Kodici Kriminali jehtieg li tkun tirrizulta l-"active force" ossia l-"via di fatto". Il-mera dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni legittimu tal-awtorita' ma humiex bizzejjed biex jkun hemm dar-reat. Hemm bzonn li l-insubordinazzjoni tasal sal-grad li tiffrustra jew tfixkel l-esekuzzjoni tal-ligi billi topponi l-azzjoni ta' dawk inkarikati mill-esekuzzjoni tal-ligi. Hu minnu ukoll li l-istess awtur jghid :-*

*"If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime….The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty." (sottolinejar ta' din il-Qorti)*"

Issa l-Artikoli addebitati huma l-Artikoli 91, 95, 96, 221, 338(ee)(dd)(bb), u 251B – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-piena addebitati lil dawn ir-reati jirriflettu s-serjeta' taghhom f'ghajn il-Ligi ghaliex l-attakk qieghed isir fuq Ufficjal Pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu.

Certament, il-membri tal-pulizija marru fir-residenza tal-Kalkara biss ghax giet imsejha l-assistenza taghhom, u mhux b'kapricc. Dawn gew rinfaccati bi bniedem illi minflok apprezza l-ghajnuna li marru jaghtu lill-paramedici li kienu qed jassistu n-neputija tieghu, dahhal fin-nofs il-hajja personali matrimonjali tieghu!! Ir-rizultat kien insulti, theddid, u rezistenza lejhom. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta b'mod ampju.
Daqstant jirrizulta li hu, il-missier, huwa hati talli ma obdix l-ordni legittima tal-pulizija, kiser il-bon ordni, qal kliem indecenti, stieden lill-pulizija ghall-glied, hedddidhom, irrezista l-arrest, fixkilhom fi dmirijiethom, u dan ghalhekk wara li rat l-Artikoli 91, 96, 95, 338(bb)(dd)(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (ir-reati kontravenzjonali kkonsidrati bhala komprizi u nvoluti fid-delitti msemmija)
Ma tqisx pero li l-imgieba ta' Bezzina l-missier kienet tali li kkagunat dik il-biza' li trid il-Ligi fil-membri tal-Korp tal-Pulizija, anke ghaliex tant f'hin minnhom kienu nvoluti l-pulizija, illi Emanuel Bezzina l-missier wahdu qajla seta' pprovoka daqstant biza' ta' vjolenza! Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, *siccome* l-vjolenza aktar uzata minnu kienet aktar verbali (paroli fil-vojt!), thoss illi ghandu jigi liberat minn din l-akkuza, cioe' dik taht l-Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tilliberah ukoll mir-reat taht l-Artikolu 221, in kwantu x-xhieda jaddebitaw id-daqqiet lil iben.

Fil-konfront ta’ Emanuel Bezzina l-iben, jirirzultaw b’mod car ir-reati kkontemplati fl-Artikoli 96, 221, u 338(dd)(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ghal-attakk fuq il-pulizija, il-griehi u ksur tal-bon ordni u rezistenza.
Tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra ghax mhux sufficjentement pruvati fil-konfront tieghu, dan ghaliex irrizulta li kien il-missier li zgur li hedded, ingurja, u tkellem hazin.
L-istess argument gie adottat fil-konfront tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa hawn applikabbli wkoll, ghaldaqstant huwa liberat anke mill-effett ta’ dan.

Dwar il-piena, verament din il-Qorti hasbet hafna fit-tul u tqis illi ghandha titratta mal-imputati individwalment b’mod totalment differenti, dan ghaliex il-missier certament igorr aktar responsabbilta’ ta’ reati rizultanti, primarjament ghax hu l-missier u konsegwentement minhabba l-eta’ tieghu.

Tifhem il-Qorti, illi dan seta’ kien imwegga’ minhabba t-tkissir tal-familja, pero dan QATT ma jista’ jiggustifika azzjonietu! Frankament, “*he should have known better!*”, u dik hija l-ahjar espressjoni li tista’ tindirizza lejh, consderando l-ezempju u l-inkwiet li fih dahhal lil ibnu – dak iz-zmien guvni ta’ sbatax(17)-il sena. Frankament bl-agir tieghu, il-missieri jekk kellu ragun gabu tort!

Minn naha l-ohra l-iben, li segwa l-ezempju xejn tajjeb ta’ missieru, ghalkemm ma haqqu ebda elogji, kien tifel u ta’ tifel hareg f’azzjonietu. Tqis ukoll il-Qorti, illi m’ghandhix tippunieh u thassarlu studji terzjarji, jew futur fid-dinja tax-xoghol.

Ghaldaqstant, dwar il-piena, ikkonsidrat ukoll is-serjeta’ tal-agir, specjalment tal-missier, u anke li l-Qorti Kriminali fid-decizjonijiet gia’ msemmija, u cioe’ dawk ta’ Josianne Bonello u Ivan (John) Felice, u fil-konfront tal-piena qalet hekk: “*illi l-pulizija ghandha tinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi.....*” “*....u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta’ dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita mill-ligi li hija l-piena ta’ prigunerija…….l-inkoluminita’ fizika tal-pulizija m’ghandhix tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew taqbizlu c-cinga.*”

Rat ukoll dwar il-piena, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront taz-zewg imputati, u fil-konfront tal-iben l-Artikolu 37 u konsegwentement l-Artikolu 31 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll il-fedina penali rispettiva taghhom, u qieghda tikkundanna lil **Emanuel Bezzina Senior** ghal piena karcerarja ta’ sena(1) sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan minhabba d-disgwid familjari gia’ minnu soffert.

Fil-konfront ta’ **Emanuel Bezzina Junior**, ghalklemm tridu japprezza s-serjeta’ ta’ azzjonietu u l-hsara li jista’ jaghmel ghall-karriera tieghu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------